MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 378/2005

**Gasan Enterprises Limited (C-467)**

**vs**

**Daniela Lanzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm319.85) dovuti skond hames (5) kambjali li gew ffirmati minnha u li skadew fl-1 ta' Settembru, 2004, fl-1 ta' Ottubru, 2004, fl-1 ta' Novembru, 2004, fl-1 ta' Dicembru, 2004 u fl-1 ta' Jannar, 2005 izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi nterpellat, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2004 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-**

**konvenuta u bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala, u bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Marzu, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm319.85) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2004 u tal-parir (Lm15.00), ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------